Kunsill Lokali Local Council

Ix-Xewkija

---

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa numru 7**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex, il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2024 . Il-laqgħa bdiet fl-6.30 ta' wara nofsinhar.

---

**PREŻENTI:**

Simona Refalo - Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsilliera

George Zammit – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3)):**

Paul Azzopardi (Vici Sindku) ma attendiex ghal-laqgha peress li ma jiflahx.

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Michelle Sciberras - Segretarju Eżekuttiv

7.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġija**;

7.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

SR

7.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

7.2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. Dawn inqraw mill- membri preżenti. Il-Minuti ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u sSegretarju rispettivament.

7.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

7.3.1 prezenti ghall-laqgha Shawn Schembri, segretarju tal-Kumitat Zghazagh Brijuzi Xewkin, flimkien mal-kunsill ser jorganizzaw attivita' fi Gnien Blankas bl-isem **HARVEST THE FUN** nhar is- Sibt 30 ta' Novembru. Shawn ipprezenta lista ta' affarijiet li jridu jinxtraw b'total ta' €370 u saqsa x'inhu l maximum budget li jista jaghti l-kunsill. Is-Sindku ssuggeriet li l-affarijiet li hemm bzonn jinxtraw, il-kunsilliera prezenti qablu. Shawn spjega li bhala dawl, loghob, logistics preparation & set up, kera ta' wooden board u bar ser jiehdu hsieb min naha tal-ghaqda. Il- kunsill ser jiehu hsieb is- sound u l projector. Is-Sindku saqsiet x'tip ta loghob ser ikun organizzat u x'jista jigi mizjud ma' dan il-loghob. Il-kunsilliera Jeanelle rrispondiet illi bhala loghob ser isir darts, hoola hoops li jistghu jigu koordinati bejn loghba u ohra. Ziedet ukoll li ser ikun hemm Science, Art & Crafts, story telling, messy play, cadets u li filghodu din l-attivita' tibda b'quddiesa. Jeanelle tat l-ideja li jista jsir xi stand tal-frott fejn it-tfal ikollhom l-opportunita li jixtru xi frott. Is-Sindku Simona semmiet li tixtieq it-tfal imorru b'xi haga zghira lura d-dar moghtija mill-kunsill. Il-kunsilliera Jeanelle ssuggeriet xi gallettini, dried fruit jew healthy snack. Il- kunsillier George qajjem il-punt illi helu mhuwiex accettat fl-iskejjel, ma qalbilx li lit-tfal naghtuhom xi tip helu. Is-Sindku ssuggeriet xi tip ta fruit pack u popcorn.

7.3.2 Is-Sindku semmiet illi l- girna fi **Gnien Blankas** hemm bzonn li ssir xi tip ta' **Gate**. Il- Kunsillier Josef saqsa jekk hemmx xi tip ta' ghanjuna mid-dipartiment ta' Wirt kulturali.Sindku u l-Kunsilliera qablu bejniethom li ssir gate li titwahhal min naha ta gew. Is-Sindku semmiet ukoll li bhalissa ghaddej l-process ta CCTV Cameras.

7.3.4 Is-sindku Simona tkelmet fuq l applikazzjoni **PC0030/24** – Galea General Services Ltd, li din hija art tal- gvern fejn riedu suggeriment min-naha tal-kunsill tax-Xewkija. Il- kunsillier George qal illi dik l-art m'ghandhiex x'taqsam mal-kunsill ghax dik art Arterjali. Ziedjghid ukoll illi jekk jidhol il- kunsill messhom baghtu l-pjanti u d-dokumenti kollha mehtiega biex stajna naghmlu s-suggeriment min-naha tal-kunsill.

7.4 **<u>JP2 Foundation</u>**

7.4.1 Is- sindku Simona pprezentat il programm dettaljat ta JP2 Foundation li ser isir bejn 20-22 t'Ottubru. JP2 Foundation ghamlu t-talba li tithallas s-somma ta' 838 Euros. Il-kunsilliera Jeanelle qajmet il-punt illi minn din l ispiza mhux ser tibbenifika minnhom il-parrocca. Il-kunsillier George saqsa jekk kunsilli ohra f'Ghawdex intalbux l-istess ghajnuna li talbu lill-kunsill tax-xewkija, pero' ebda kunsill ma ntalab jaghmel dan. Il-kunsillier Josef issuggerixxa illi tinghata s-somma ta 400 euros, fejn kemm is -Sindku u anke l-kunsilliera l-ohra qablu.

7.5 **<u>Korsijiet li jsiru matul ix-xitwa</u>**

7.5.1 Is Sindku Simona semmiet x'korsijiet jistghu jsiru matul ix-xitwa. Il- kunsilliera Jeanelle qalet illi l-kors tal-bizzilla mhux ser isir peress li m'applikawx bizzejjed. Semmiet wkoll illi l-kors tal-hjata u tal Cake Decorations for beginners ser isir minn Joan Vella. Is-sindku Simona harget bl-idea jekk hux possibbli jsir korsijiet tal-pottery u cosmetic. Il- kunsilliera Jeanelle irrispondiet ili l-kors tal-modelling ga ghandu inkluz il- cosmetics. Sindku u kunsillieri qablu li l-kors ta' 3D printing ser isir ghand Etienne Micallef (l-ghalliem). Is-sindku Simona harget bl-ideja ukoll li jista' jsir il-kors li jsuqu z-zwiemel ghall-gerrejja zghar, il-kunsilliera Jeanelle qalet li dan kien ga kien diskuss fil-legislatura precidenti u li kien ser jiehu hsieb min-naha tal-Miniteru t'Ghawdex. Is- sindku saqsiet min jista jiehu hsieb u jkun responsabbli ghal dan il-kors, li jrid isir fil-korsa taz-zwiemel tax-xhajma. Il-kunsillier George ssuggerixxa illi ghandha tkun persuna li ghandhom iz-zwiemel u li tkun interessata f'dan il-kors. Huwa ssuggerixxa lil Toni tax-xiber, li dan huwa

persuna illi huwa mdorri maz-zwiemel hajtu kollha. Il-kunsilliera Jeanelle insistiet biex dan il-kors jinghat spinta u isir apparti l-korsijiet l ohrajn. Is-s-indku saqsiet meta jistghu jibdew dawn il-korsijiet u qablu illi dawn jibdew ghal l-ewwel gimgha ta' Novembru u l-hlas jibqa l-istess bhas sena ta qabel. Il-kunsillier George issuggerixxa illi l- korsijiet ghandhom ikunu bla hlas ghat-tfal residenti ix- Xewkija. Sindku u kunsillieri qablu.

7.6 **Jum ix-Xewkija**

7.6.1 Is-Sindku bdiet billi saqsiet fejn tista issir l-attivita' ta' Jum ix-Xewkija,il-kunsillieri kollha qablu illi ssir bhas-soltu fis-sala tal- Skola Primarja x-Xewkija. Il-kunsilliera Jeanelle semmiet illi l-ewwel issir quddiesa, imbaghad it-tqeghid tal-fjuri hdejn il monument u wara ssir l-attivita' fis-sala tal-Skola Primarja fejn jinghataw ir- rikonxximenti lin nies maghzula. Is-Sindku sostniet illi kull kunsillier irid jaghzel persuna min-dekasteru tieghu/a ghal rikonoxximent.

7.7 **Ir-rizenja ta' Chrismar Xuereb**

Is- Sindku Simona tkelmet b'mod car fuq ir-rizenja ta Chrismar Xuereb. Hija qalet li kienet infurmata minn Chrismar li dakinhar tal-laqgha ma setax jattendi peress li ga kellu mpenn iehor, kuncert tal-banda. Is-Sindku Simona spjegat li Chrismar irid jibqa xoghol mal-kunsill biex ikun jista jibqa fil-pool. Jekk ma jigix maghzul minn kunsill iehor, il-kunsill tax-Xewkija m'ghandu ebda konferma li ser jitlaq. Chrismar qal illi l-file li seraq ma huwa xejn hlief il- hatriet li hadu l-kunsillieral-godda ta' din il-legislatura. Il-kunsillier George qal illi dawn mhumix affarijiet sbieh li wiehed jaghmel fuq il-post tax-xoghol u mhumix accettabbli. Is-Sindku semmiet li kien hemm problema bi CCTV Cameras tal-kunsill u rrizulta li kien hemm 5 logins li ma kinux llogjati mis-Sindku. Is-Sindku Simona nsistiet illi mhux ser jitlaq mill- Kunsill tax-Xewkija qabel ma jlesti x-xoghol kollu li suppost ghamel hu waqt li kien Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is- Sindku Simona nfurmat lill-kunsillieri prezenti li Financial Audits tas sena 2023 ghadhom sal-gurnata tal-lum mhumix lesti. Is- Sindku Simona kompliet tghid li l-pendrive li ghandha dokumenti mehtiega biex jistghu jigu maghluqa l Audits tahielha daqs gimgha nofs ilu, jigifieri 4 xhur wara kemm ilha li lahqet Sindku. Is-Sindku sahqet li ma kienx hemm ghalfejn dan id-dewmien kollu biex jghaddi dokumenti li qed jigu mitluba minn Accountants u Awdituri, setgha qabad u ghaddihom lill Awdituri meta gew mitluba minnhom stess. Is- Sindku tkelmet b'mod car li ser thalli lil Chrismar jitlaq mill-Kunsill tax- Xewkija u jmur ma' Kunsill iehor ghax hi mhix persuna kattiva u ma tridx li Chrismar jispicca bla xoghol, pero emfasizzat illi mal-kunsill tax-Xewkija ma tridux jahdem. Is- Sa sindku saqsiet lill-kunsilliera Jeanelle ghaliex ix-xoghol tal Accounts ma sarx minn Jannar, fejn dan kien parti mix-xoghol bhal Deputat segretarju Ezekuttiv. Il- kunsillier George qal li x-xoghol li kellu jsir mis- segretarju ta'qabel , filwaqt li hu (Chrismar) rtira r-rizenja tieghu, jfisser li dan itemm il-post tax-xoghol tieghu mill-kunsill. Il-kunsillier George, huwa tal-fehma li biex ma jtelfuhx din l-opportunita' u jinghata c-cans biex ikompli x-xoghol li ma tlestix sakemm kien jokkupa l kariga ta' Deputat Segretarju ezekuttiv. il-kunsillier George ssuggerixxa li f'kaz li jibqa xoghol mal-kunsill tax-xewkija, is- Sindku trid tkun sodisfatta bixo xoghol li jkun qed jaghmel. Is sa sindku hi tal-fehma li malli jinheles ix-xoghol li suppost inheles jitlaq. Il-kunsillier George ssuggerixxa illi s- sindku ghandha kull dritt toggezzjona jekk ix-xoghol ma jsirx sew u fil-hin. Il- kunsillier George jghid ukoll illi stenna liChrismar jkun prezenti ghal din il-laqgha biex jiccaraw sew l-affarjiet u tinstab soluzzjoni ghal din il-problema. Sindju u kunsilliera prezenti qablu li ma jtelfux ix-xoghol lil Chrismar pero' is- Sa sindku kompliet issostni li ghadha ma nghatatx ideja jew soluzzjoni x'ser jigri mid- deputat Segretarju Ezekuttiv precidenti. Is- Sindku semmiet li jekk tohrog call mil-lum ghal ghada u Chrismar ikollu ic-cans li jitlaq mil-kunsill, avzat li mhix ser thallih jitlaq qabel ix-xoghol li hemm b'lura jitlesta. Il-kunsillier George ssuggerixxa illi jsir ftehim bil-mitkub ma' Chrismar. Is- Sindku semmiet li x-xoghol ghandu jigi icekjat mill-Awditur Generali. Is- Sindku kelmet lil Chrismar, infurmahha li hu jrid jitlaq mil-kunsill tax- Xewkija u ga applika ghal xi xoghol iehor. Il-kunsillier George ssuggerixxa li x-xoghol ghandu jsir u jaghti back-up tajjeb u kif suppost lis-Segretarja l-gdida flimkien mas-Sindku.

7.8 **CCTV Cameras u Community Van**

7.8.1 Is- Sindku Simona semmiet CCTV Cameras fejn gie maghzul il-bord, dan jikkonsisti minn 6 raprezentanti li huma: Daniel Galea – Accountant, Joseph Dingli, William Sultana, Mario Cauchi, Simona Refalo u Michelle Sciberras. Il- kunsilliera prezenti qablu fuq il hatra tal-bord.

7.9 **Korrispondenza u Ilmenti;**

7.9.1
16/10/2024 Tal-Fuklar Group bagħtu korrispondenza biex jekk ikollna bżonn is-servizz tagħhom nikkuntattjawhom.
17/10/2024 Unlock the future at the Sci Cultural D Conference – Join Us to Explore Pathways for Innovation & Social Impact.
17/10/2024 Vo Information and Events.
17/10/2024 Cirk AKL 2024/070_Laqgħa tas-Sindk u Attivita' ta' Teambuilding 27/11/2024 – 30/10/2024.
20/10/2024 This week at the Manoel: Operatic Arias.
20/10/2024 Korrispondenza mingħand Vini & Caprici fuq 'Christmas Hampers'.
21/10/2024 Cir AKL 2024/071_Award in English Writing and Reading for Business Management.
23/10/2024 Cir AKL 2024/064_Day Training on Socially Responsible Public Procurement in Valletta Malta – 18th November, 2024.
23/10/2024 Korrispondenza mingħand il-Public Works fejn infurmaw li ser issir 'Bike ride' għad-dar tal-providenza.
24/10/2024 Korrispondenza mingħand Josephine Psaila dwar attivitajiejiet bħala għajnuna lil ALS.
25/10/2024 Leadership Insight Magazine – November 2024.

ILMENTI

22/10/2024 Mary Jane Bugeja tixtieq li Sqaq Nru 1 Triq il-Knisja jsir patching bis-siment għax hemmhekk is-sqaq magħmul bis-siment.
24/10/2024 Ġinju Attard talab li hemm Mirja tat-traffiku li qegħda Triq tas-Salvatur u bħalissa maqluha għax qed isir xi xogħol mill-Enemalta u jixtieq li meta titwaħħal terġa Mirja tat-traffiku tkun ta qies ikbar
24/10/2024 Għadu kif ġie wieħed jirraporta li s-siġar taż-żebbuġ li hemm quddiem taz-zuntier rabtuhom b'ħabel għas-sapport, pero dak il-ħabel mhux sew għas-siġar għax issokka u daħal fiz-zokk. Dan jista jikkawża problemi għas-siġar. Qalilna wkoll li s-siġra li hemm ħdejn il-funtana għandha bżonn sapport għax tmejlet. Jaf għandhom bżonn ta' żabra dawn is-siġar tal-pjazza wkoll.
24/10/2024 Grupp ta 10 anzjani jixtiequ li niprovdulhom transport għal ta' Kerċem għax qed isiru xi sezzjonijiet ta eżerċizji għall-anzjani. Il-Ħin ikun bejn id-8.00a.m. u id-7.00a.m. darba f'ġimgħa.
25/10/2024 Daħal illment li fi Triq Vjal il-Labour hemm karozzi u dgħajjes bla number plates.
25/10/2024 Maria Portelli, Triq Ein Karem Mob: 77060515 tixtieq 'yellow double line' quddiem il-bieb ta' ommha.
28/10/2024 George Debrincat jixtieq li Triq Bir tal-Franċiżi titnaddaf Tel: 21560488/77574507.
27/10/2025 Mary Jane Bugeja, Tel: 21555718 tixtieq li terġa titwaħħal t-tabella tal-isem tat-Triq fejn kienet qabel Trejqet l-Għammiedi.
17/10/2024 Talba mis-Sur Francis Pace biex tittranġa il-mera ta' Triq tal-Baqqari.

SK MD

| | |
|---|---|
| 24/10/2024 | Talba sabiex jinżabru s-siġar ta' Pjazza San Ġwann Battista. Hemm ukoll il-ħabel tas-sapport tas-siġar taż-żebbuġ ta' quddiem iz-zuntier issukkat ħafna, li jaf qed jagħmel il-ħsara liz-zokk. |
| 01/11/2024 | L-għalqa fiż-żona tal-Barmil li kienu marru jnaddfu imbagħd marret il-gaffa, għadha mimliha ħmieġ. Ir-residenti qed jilmentaw minħabba l-ġrieden. |
| 01/11/2024 | Ilment dwar l-ilma li qed iżomm fil-kantuniera bejn Pjazza tal-Barmil u Triq in-Naġġara quddiem id-dar San Ġorġ ta' Georgina Sacco. |
| 01/11/2024 | Hemm xi affarijiet mormiha quddiem il-maisonettes fi Triq tal-Ħamrija qrib ir-Razzett tax-Xiber. |
| 01/11/2024 | Il-Pots il-kbar li hemm mal-Plots tal-Ħamrija għandhom bżonn ta' dawra mill-pjanti n-nexfin u żabra lis-siġar. |
| 01/11/2024 | Suġġeriment biex isiru Dog Bins tul Vjal il-Labour speċjalment in-naħħa tal-factory ta' Magro. |
| 01/11/2024 | Diversi residenti qed isaqsu jekk hux ser jerġgħu jingħataw vouchers tal-Cat Feeders. |
| 05/11/2024 | Talba minn divesi resident sabiex isir patching fil-kantuniera ta' bejn Triq Rotunda u Triq Guze D'Amato. |
| 05/11/2024 | Talba mis-Sur Teddy Mizzi sabiex Triq Sant Indrija ma jibqgħux jgħaddu vetturi kbar, kif ukoll issir xi ħaġa dwar overspeeding li qed ikun hemm. |
| 05/11/2024 | Ilment mis-Sur Jesmond Camilleri dwar sewqan perikoluż fil-kisra ta' bejn Triq Santa Katerina u Triq il-Knisja. |
| 05/11/2024 | Talba mis-Sur Godwin Attard li joqgħod Sagra Familja, Vjal il-Labour, sabiex il-bank tal-ġebel li hemm faċċata tiegħu ma Ġnien il-Ħaddiem, jekk ikun ser jitneħħa navżawh għax dak hu kien għamlu. |
| 05/11/2024 | Talba mis-Sur George Debrincat biex jitnaddaf il-gandott/wied li hemm fi Triq il-Bir Franċiżi peress li ilu ma jitnaddaf. |
| 05/11/2024 | Rapport li fir-roundabout ta' ħdejn il-Knisja Ta' Ħamet fi Triq l-Imġarr, hemm water culvert miżduda. Hemm rapport ukoll li diversi brics tar-Roundabout qed jinqala u għandu bżonn jissewwa. |
| 05/11/2024 | Talba mis-Sa Doreen Axiak sabiex Triq l-Indipendenza u Triq il-Mitħna minħabba l-konġestjoni li qed ikun hemm f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata. |
| 13/11/2024 | Ilment mingħand is-Sa Josephine Fenech, li jarmaw fil-monti tax-Xewkija, dwar ilma li jżomm fejn tarma fi fil-monti. Kawża t'hekk hi jkollha tibdel il-post peress li jżomm ħafna ilma. |
| 13/11/2024 | Ilment li fi Triq tal-Ħamrija qrib ir-Razzett tax-Xiber fil-ġenb tat-triq hemm diversi affarijiet mormiha. |

SR

| | |
|---|---|
| 13/11/2024 | Żewġ talbiet sabix jiġu nstallati żewġ dog bins ġodda, waħda fi Triq Santa Marija c/w Triq Sansun, u l-oħra fi Triq ta' Kraba. |
| 13/11/2024 | Diversi lmenti dwar l-isleeping police li saru fi Triq San Leonardu, li ma jidhrux u li perikolużi. |
| 13/11/2024 | Ilment mingħand is-Sa Jane Rapa, dwar boroż taż-żibel li qed jitpoġġew fil-kantuniera ta bejn Triq Sant Eliżabetta u Triq La Vallette. |
| 13/11/2024 | Talba mis-Sur John Xerri biex isir xi ħaġa fi Triq Ħamsin li jnaqqas mill-problema ta' overspeeding fl-istess Triq imsemmiha. |
| 13/11/2024 | Talba mis-Sur Joseph Debono sabiex tittranġa Triq San Pupulju peress li tinsab fi stat ħażin. |
| 13/11/2024 | Is-Sur Mikelanġ Camilleri nforma lill-Kunsill dwar kotba li għandu bl-isem ta' Ġabra ta' Proża . |
| 21/11/2024 | Talba biex jinbidlu ir-roti tal-bins li hemm fiċ-ċimiterju tax-Xewkija. |
| 21/11/2024 | Rapport li t-tabella ta' Triq San Pupulju, li kienet imwaħħla ma residenza kantuniera ma Triq il-Knisja, inqagħlet u m'għadiex hemm. |
| 26/11/2024 | Diversi lmenti dwar vetturi pparkjati qrib il-kantuniera ta' bejn Triq il-Knisja u Triq l-Indipendenza. Kawża t'hekk qed tinħoloq konġestjoni. Dwar din iż-żona daħal ilment ukoll dwar il-bankina fil-kantuniera ta' mal-għassa, li qiegħda ta' periklu għas-sewwieqa. Suġġeriment biex il-kurduna tal-bankina titbaxxa. |
| 26/11/2024 | Talba mingħand diversi residenti sabiex isir Parking Bay tal-muturi fi Triq Sant Eliżabetta qrib il-binja The Dome. |
| 27/11/2024 | Talba sabiex tiġi nstallata vending machine qrib il-Korsa fi Triq ta' Ħamet. |

28/11/2024 Nixtieq naghmel ilment fuq certu nies ta' Gokk u bnadi ohra x-Xewkija li jirreservaw il-parking ta quddiem id dar taghhom. Dan mhux sewwa u nixtieq naf jekk il-kunsill jistax jaghmel xi haga fuq din. Il-parkings huma problema kullimkien imma jekk kulhadd ha joghqod jaghmel barmil, kaxxa jew siggu biex hadd ma jipparkja quddiem tieghu ser nispiccaw niggieldu fuq il parkings.

7.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

7.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsilliera preżenti. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

7.11 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-20.25. Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-ġurnata li tiġi mifthemha il-quddiem.

Simona Refalo

Sindku

Michelle Sciberras

Agent Segretarju Ezekuttiv